

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 909/2007**tat-30 ta' Lulju 2007****li jistabbilixxi r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni ta' ċereali, dqiq, xgħir u barli tal-qamħ jew tas-segala**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003, id-differenza bejn il-kwotazzjonijiet jew il-prezzijiet fuq is-suq dinji tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament u l-prezzijiet ta' dawn il-prodotti fil-Komunità jistgħu jkunu koperti b'rifużjoni għall-esportazzjoni.
- (2) Ir-rifużjonijiet għandhom ikunu stabbiliti billi jitqiesu l-elementi msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1501/95 tad-29 ta' Ġunju 1995 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 dwar l-għotja ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' ċereali u l-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' disturb fis-suq taċ-ċereali ⁽²⁾.
- (3) Għad-dqiq, ix-xgħir u l-barli tal-qamħ jew tas-segala, ir-rifużjoni għal dawn il-prodotti għandha tkun ikkalkolata billi titqies il-kwantità ta' ċereali meħtieġa għall-produzzjoni tal-prodotti kkonċernati. Dawn il-kwantitajiet ġew stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1501/95.

(4) Il-qagħda tas-suq dinji u r-rekwiżiti speċifiċi ta' ċerti swieq jistgħu jeħtieġu li tkun varjata r-rifużjoni għal ċerti prodotti, skond għal fejn huma ddestinati.

(5) Ir-rifużjoni għandha tiġi stabbilita darba fix-xahar. Din tista' tkun modifikata f'dan il-perjodu.

(6) L-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli dettaljati għall-qagħda attwali tas-swieq fiċ-ċereali, u partikolarment għall-kwotazzjonijiet jew għall-prezzijiet ta' dawn il-prodotti fil-Komunità u fuq is-suq dinji, twassal biex ir-rifużjonijiet ikunu stabbiliti skond l-ammonti mniżżla fl-Anness.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*Ir-rifużjonijiet għall-esportazzjoni, fl-istat naturali tagħhom, tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1, punti (a), (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003, għajr għall-*malt*, huma stabbiliti fl-ammonti mniżżla fl-Anness.*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Lulju 2007.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Ir-Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 735/2007 (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 6).⁽²⁾ ĠU L 147, 30.6.1995, p. 7. Ir-Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1996/2006 (ĠU L 398, 30.12.2006, p. 1).

ANNEX

tar-Regolament tal-Kummissjoni tat-30 ta' Lulju 2007 li jstabbilixxi r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni ta' ċereali, dqiq, xgħir u barli tal-qamħ jew tas-segala

Kodiċi tal-prodotti	Destinazzjoni	Unità ta' kejl	Ammont tar-rifużjonijiet	Kodiċi tal-prodotti	Destinazzjoni	Unità ta' kejl	Ammont tar-rifużjonijiet
1001 10 00 9200	—	EUR/t	—	1101 00 15 9130	C01	EUR/t	0
1001 10 00 9400	A00	EUR/t	0	1101 00 15 9150	C01	EUR/t	0
1001 90 91 9000	—	EUR/t	—	1101 00 15 9170	C01	EUR/t	0
1001 90 99 9000	A00	EUR/t	—	1101 00 15 9180	C01	EUR/t	0
1002 00 00 9000	A00	EUR/t	0	1101 00 15 9190	—	EUR/t	—
1003 00 10 9000	—	EUR/t	—	1101 00 90 9000	—	EUR/t	—
1003 00 90 9000	A00	EUR/t	—	1102 10 00 9500	A00	EUR/t	0
1004 00 00 9200	—	EUR/t	—	1102 10 00 9700	A00	EUR/t	0
1004 00 00 9400	A00	EUR/t	0	1102 10 00 9900	—	EUR/t	—
1005 10 90 9000	—	EUR/t	—	1103 11 10 9200	A00	EUR/t	0
1005 90 00 9000	A00	EUR/t	0	1103 11 10 9400	A00	EUR/t	0
1007 00 90 9000	—	EUR/t	—	1103 11 10 9900	—	EUR/t	—
1008 20 00 9000	—	EUR/t	—	1103 11 90 9200	A00	EUR/t	0
1101 00 11 9000	—	EUR/t	—	1103 11 90 9800	—	EUR/t	—
1101 00 15 9100	C01	EUR/t	0				

NB: Il-kodiċijiet tal-prodotti kif ukoll il-kodiċijiet tad-destinazzjonijiet serje "A" huma definiti skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 (ĠU L 366, 24.12.1987, p. 1), kif emendat.

C01: Il-pajjiżi terzi kollha għajr l-Albanija, il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Kroazja, il-Bożnja u Herzegovina, il-Montenegro, is-Serbja, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Liechtenstein u l-Iżvizzera.